MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 927/2008

Vodafone Malta Limited (C10865).

Vs

Giulio Zarb (Id. 657757M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' disa mija u seba Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€907.54) minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi rezi lilu mis-socjeta' attrici in konnessjoni ma mobile phones bin-numri 99284640 u 99238642. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' disa mija u seba Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€907.54), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------